# 131. Is-Sirena

Sirena ħelwa, mindu qrajt ġrajjietek
fil-ktieb tad-deheb ta' Hans, jien bdejt inħobbok,
u malli wasalt fil-belt ta' Copenhagen
jien ġejt inżurek.

Kemm kont sabiħa fuq il-blata żgħira
fuq xatt il-port; imgħaxxqa bi sbuħitek
kien hemm mijiet madwarek, kollha jiġbdu
ir-ritratt tiegħek.

Ġismek kien ċar u jiddi daqs il-folji
tal-ward ta' Mejju; surtek ħelwa u lventa
daqs tal-għasafar, għajnejk kbar ileqqu
mimlija ħsieb.

Riġlejn int ma kellekx, iżda minn flokhom
int kellek denb sabiħ, illi kien juri
illi int kont mir-razza tas-sireni
ta' qiegħ il-baħar.

Dawk ta' madwarek kollha kienu jafu
li inti twelidt f'palazz, fejn l-ilma baħar
għandu l-kħula tal-iris, u għandu s-safa
tal-kristall fin,

Is-sitt waħda mill-bniet tar-re setgħani,
u li qattajt tfulitek qalb il-ġonna
ħomor u vjola fejn il-ħut imlewwen
jiekol minn idek.

Sirena ħelwa, jien tgħaxxaqt bi ġmielek,
iżda aktar minn bi ġmielek tgħaxxaqt b'qalbek,
li stmerret l-għażż ta' ħajja f'qiegħ il-baħar
f'palazz tar-re.

Dik qalbek f'qiegħ il-baħar xtaqet b'ħeġġa
tliet ħwejjeġ kbar: li tara l-art bi ġmielha,
bl-ibliet, bin-nies, bil-bhejjem, bil-muntanji
bil-bastimenti,

Bil-boskijiet ħadrana fejn l-għasafar
m'humiex muti bħall-ħut, 'mma jsaffru u jgħannu,
u fejn il-fjuri, barra milli mlewna,
mimlija fwieħa.

Li tingħaqad fiż-żwieġ mal-prinċep bniedem,
il-maħbub tagħha, sabiex dan inissel
ġo fiha ruħ li ma tmut qatt bħal tiegħu,
u tgħix għal dejjem.

Sirena ħelwa, int qtajt l-ewwel xewqa.
Hekk kif għalaq ħmistax-il sena n-nanna
poġġiet kuruna tas-susan bajdani
b'weraq tal-ġawhar

Fuq rasek, u tmien arzelliet fuq denbek,
biex turi l'inti bint sultan tal-baħar,
u b'ħeffa ta' bużżieqa t'ilma mielaħ
int tlajt fil-wiċċ.

U ġrejt ma' xtut u bliet, u dħalt f'kanali,
u f'portijiet, u rajt kampnari u knejjes
u smajt il-qniepen, rajt muntanji mżerżqa
mimlija dwieli,

Saltniet ta' ġmiel li jisbqu 'l ta' missierek;
u waqt il-ġiri tiegħek f'wiċċ il-baħar
salvajt mill-għarqa l-prinċep li ħabbejt
u tfajtu l-art.

Għoġbuk in-nies tal-art u għoġbok ġmielha;
għoġbok il-prinċep; iżda fuq kollox lilek
għoġbot ir-ruħ tan-nies li tgħix għal dejjem
u ma tmut qatt.

U għalhekk xtaqt bil-ħerqa li ssir bniedma,
li tibdel denbek, u minn floku jkollok
par saqajn sbieħ bħal dawk ta' tfajla sbejħa,
li jimxu u jiżfnu.

Bil-ħeġġa mort tittallab lis-saħħara
ta' qiegħ il-baħar; qaltlek: "Jiena nagħmlek
tfajla tal-art, iżda biex timxi jkollok
tħoss uġigħ kbir.

"U tħossok qiegħda timxi fuq is-skieken;
barra minn dana jista' jkun li l-prinċep
ma jiżżewġikx, u qalbek tnejn tinqasam,
u int issir ragħwa

“Fuq kollox,” kompliet tgħidlek is-saħħara,
“talli nagħtik id-duwa li jrid jibdlek
ilsienek trid tagħtini u leħnek ħlejju
bħala ħlas tiegħi.”

U int ridt hekk Sirena ħelwa u sbejħa;
sofrejt kull sagrifiċċju sabiex tikseb
ta’ qalbek il-maħbub u biex ikollok
ruħ ma tmut qatt.

Iżda l-imħabba kienet kiefra miegħek,
kif kienet ma’ Ġuljetta u eluf oħra
li tagħhom ngħannu l-ġrajja b’għanja mdejqa
ta’ swied il-qalb.

Il-Prinċep ma żżewġikx u żżewweġ oħra,
u bħal bużżieqa ragħwa f’wiċċ il-baħar
il-ħolma illi tikseb ruħ ta’ dejjem
dabet fix-xejn.

Ħdejk mimdudin il-Prinċep u l-għarusa
kienu reqdin; u ħutek is-sireni
telgħu mill-qiegħ u tawk sikkina kbira
li kienet tathom

Is-saħħara tal-baħar sabiex biha
lill-prinċep toqtol, bid-demm tiegħu traxxax
saqajk it-tnejn, u terġa’ ’l denbek tikseb,
u ssir sirena,

U terġa’ lejn is-saltna f’qiegħ il-baħar,
ma’ ħutek, ma’ missierek, u man-nanna,
f’palazz kollu korall bil-ġonna ħomor
mimlija ħut.

Iżda int ma ridtx, tfajt is-sikkina l-baħar,
tajt l-aħħar newsa lill-maħbub ta’ qalbek,
u ntfajt ġol-ilma, u ġismek inħall kollu
ġo ragħwa bajda.

Sirena ħelwa, l-għemil tajjeb tiegħek
żammek li ma ssir xejn; f’daqqa sibt ruħek
imdawra b’ġemgħa ħlejjaq trasparenti
ta’ ġmiel tal-għaġeb.

Jittajru mingħajr ġwienaħ, u jitkellmu
bil-melodija, għalkemm l-ebda bniedem
ma' seta' lilhom jara nkella jisma'
flimkien qalulek:

"Aħna wlied l-arja, aħna ntiru dejjem
u fil-pajjiżi sħan inrewħu l-fewġa,
u nimlew l-arja bil-fwejħiet li jfejqu,
ihennu u jserrħu.

"U meta nqattgħu tliet mitt sena nwettqu
l-għemil tal-ħniena, kollha niksbu ruħ
li ma tmut qatt, u mal-bnedmin nixxierku
fl-hena ta' dejjem."

U ta' qalb twajba l'int, Sirena ħelwa,
insejt dak li ġarrabt, u bist lill-prinċep,
u tirt mal-ġemgħa tal-ulied tal-ajru
tagħmel il-ġid.

Minn fejn ġibtha sbuħitek, ja Sirena?
u minn fejn ġibtha dik it-tieba f'qalbek?
hekk jistaqsu l-mijiet li ta' kull għodwa
jiġu jżuruk.

Iżda int titbissem ħelwa fuq il-blata,
siekta u ħosbiena, ħsiebek biss li taħfer,
tagħmel il-ġid, u tferraħ il-ħolqien,
u ma tmut qatt.

*Il-poeżija hija bbażata fuq l-istorja famuża ta' Hans Christian Anderson: "The Mermaid". Id-Daniżi għamlu statwa li tippreżenta lis-sirena fuq blata fuq ix-xatt ta' Copenhagen. It-turisti li jżuru din il-belt ma jonqsu qatt li jżuru din l-istatwa tassew sabiħa. Fost dawn it-turisti kien hemm il-kittieb fis-sajf tal-1962 meta ħa sehem fl-International Camp u fil-laqgħa tal-Kunsill tal-International Union of Socialist Youth li saru fil-belt ta' Copenhagen. Il-kittieb kien flimkien mal-membri tal-Labour League of Youth.*